## ~~LEJLA TA' XITA~~

~~*Ix-xita, x-xita, x-xita, x-xita, x-xita,*~~
~~*Ix-xita nieżla, x-xita nieżla, nieżla,*~~
~~*Kif nieżla x-xita, nieżla x-xita, x-xita...!*~~
~~*Ix-xita...*~~
~~*Leħħa ta' dawl itfeġġ mas-sema w bejn is-sħab u tidħol*~~
~~*Minn dil-fetħa ta' tieqa l-eqreb lejja...*~~
~~*W tintefa...*~~
~~*Tkarwit, tkarwit fil-bogħod,*~~
~~*Tfaqqigħ u... sikta;*~~
~~*Reġgħet bdiet nieżla, reġgħet bdiet nieżla x-xita*~~
~~*Reġgħet bdiet nieżla,*~~
~~*Ix-xita, x-xita, x-xita, x-xita...*~~

~~*Tajt daqqa t'għajn minn taħt;*~~
~~*Rajt sema mimli sħab kubrit, imkebbeb*~~
~~*U mgħaqqad*~~
~~*F'kobob mexjin bil-mod bħal xi eżerċtu*~~
~~*T'eluf w eluf miexi bil-mod, qawwi,*~~
~~*U ibedded.*~~

~~B. Mallia S.J.~~

## IL-BAHAR

*Obrom u kisser, uri snien ħruxitek*
*Ma' njam u ma' ħadid; lebbet is-saħħa*
*Kontra x-xtajtiet dgħajfin, u fi kburitek*
*Reġġa' l-midfun lejn l-art, dak li kien tagħha.*
*Kemm-il poeta seħet lil kruhitek*
*X'ħin ra l-qilla u l-ġfien jissieltu magħha;*
*Iżda int ma żammek ħadd, u fi xjuħitek*
*Raw żgħożija li ħadd ma kien rebaħha.*

*Jien wild das-seklu: x'tiswa l-qilla tiegħek*
*Sabiex tgħallimni kif neqred u nkisser?*
*X'tista' turini, int li kont setgħani,*
*Eqlel mill-għodod illi xejjnu l-driegħek –*
*Qawwiet u qerda ma tistax titfisser?*
*Xi darba kont surmast; illum belhani.*

Charles Vella